MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1369/1995/1

**Anton Cortis**

**vs**

**Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi b'citazzjoni numru 148/85 fl-ismijiet Jane Cortis vs Antonio Cortis, l-attrici talbet separazzjoni a mensa et thoro minn zewgha l-konvenut, manteniment ghaliha u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti dak iz-zmien;

Illi b'sentenza tat-30 ta' Gunju 1993 tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili din il-kawza giet deciza;

Illi wara li l-attur ppresenta nota u petizzjoni ta' l-appell fit-termini stipulati mill-ligi huwa gie nfurmat li l-process kien mitluf avolja b'notament fil-libro noti u petizzjonijiet gie miktub li b'digriet tas-6 ta' Lulju 1994 l-appell gie dikjarat dezert;

Illi b'dan l-agir, li huwa kollu responsabbli ghalih il-konvenut, qieghed jbati danni kbar l-attur;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghat-telf tal-process citazzjoni numru 148/85 fl-ismijiet Jane Cortis vs Antonio Cortis b'dannu ghall-attur;

2. tillikwida d-danni hekk kagunati okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi preliminarjament il-proceduri huma nulli stante li ma gewx preceduti b'ittra ufficjali skond l-artikolu 460 tal-Kap 12;

Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-process jista dejjem jigi rikostitwit mill-partijiet;

Illi huwa m’ghandux ibati spejjez;

Rat id-dikajrazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Marzu 1997 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 1998 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-ewwel tigi trattata u deciza jekk jirrizultax jew le responsabilita fil-konfront tal-konvenut;

Rat l-atti tal-kawza deciza fit-30 ta’ Gunju 1993 fl-ismijiet Jane Cortis nomine vs Anthony Cortis (citazzjoni numru 148/85 FD) liema sentenza giet appellata u dan l-appell gie dikjarat dezert fis-6 ta’ Lulju 1994;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2001 minn fejn jirrizulta li l-attur irrileva li l-petizzjoni saret fis-6 ta’ Lulju 1993 fejn jidher li thallset notifika. Referta negattiva tirrizulta fuq wara tal-petizzjoni. Fit-12 ta’ Awissu 1993 thalset zieda li ghaliha l-purtier mar fl-indirizz tal-konvenut flok tal-attur u wra hemm referta negattiva tad-29 ta’ Lulju 1994 bla ma thallset zieda ghaliha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jippremetti li l-mara tieghu b’citazzjoni numru 148/85 fl-ismijiet Jane Cortis vs Antonio Cortis talbet is-

separazzjoni a mensa et thoro minn zewgha cioe' l-attur odjern. Din il-Qorti ddecidiet l-imsemmija poceduri b'sentenza tat-30 ta' Gunju 1993. Sussegwentement l-attur ippresenta nota u petizzjoni ta' l-appell. L-attur gie informat li l-process kien mitluf u b'notament fil-libro noti gie indikat li b'digriet tas-6 ta' Lulju 1994 l-appell kien gie dikjarat bhala dezert. Skond l-attur ghal dan kollu hu responsabbli il-konvenut li ukoll sofra danni kbar. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenut huwa responsabbli ghat-telf tal-process fuq indikat b'dannu ghall-attur. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati d-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk lkwidati lill-attur;

Il-konvenut Registratur tal-Qorti qed jeccepixxi preliminarjament in-nullita' ta' dawn il-proceduri li ma gewx preceuti b'ittra ufficjali. Jeccepixxi ukoll li l-process seta dejjem jigi rikostitwit. Il-konvenut finalment eccepixxa li huwa m'ghandux ibati spejjez;

L-imsemmija eccezzjoni preliminari giet irtirata mill-konvenut;

Bil-presenti qed jigi deciz jekk tirrizultax responsabilita' imputabbli lill-konvenut Registratur tal-Qorti;

L-attur ikkonferma li l-mertu ta' dawn il-proceduri hi kawza ta' separazzjoni li kienet giet intavolata kontra tieghu minn martu. Din il-kawza giet deciza mill-ewwel istanza u l-attur ried jappella. Huwa jghid pero' li l-process relattiv intilef u ghalhekk ma setax jappella;

Il-konvenuta Registratur tal-Qorti ikkonfermat li kienet ghamlet verifiki mal-Arkivju tal-Qorti fejn ikun hemm il-processi ghall-legatura u in effett sabet il-process in kwestjoni fl-istess arkivju. Il-process pero' mhux illegat. Mill-proces stess jirrizulta li fit-2 ta' Lulju, l993 saret in-nota tal-Appell mil-attur odjern u fis-6 ta' Lulju, l993 saret il-petizzjoni tal-Appell. Fit-12 ta' Lulju 1993 hemm riferta negattiva u bir-riferta negattiva gie infurmat il-konsulent legali tal-attur odjern. Fit-12 ta' Awissu, l993 thalset "zieda" u fis-27 ta' Awissu, l993 rega kien hemm riferta

negattiva. Peress li n-notifika baqghet ma saritx il-procediment gie dikjarat dezert. Sussegwentement cioe fid-29 ta' Lulju, l994 hemm riferta ohra negattiva, pero' din saret meta gia kien hemm id-digriet tad-deserzjoni;

Minn dawn il-provi prodotti, mir-risultanzi u mic-cirkostanzi specjali tal-kaz ma jirrizultax li l-konvenut Registratur tal-Qorti ghandu jigi ritenut responsabbli ghal xi danni versu l-attur;

In effett l-attur mhux car f'dak li jghid. L-ewwel jghid li ma stex jappella ghaliex il-process kien intilef u sussegwentement jirrizulta li huwa kien in effett ippresenta l-petizzjoni tal-appell tieghu. Jidher li l-process ma kienx mitluf izda kien hemm nuqqas ta' notifiki sabiex il-procediement seta jimxi l-quddiem. Kien dan in-nuqqas ta' notifiki li wassal ghad-dezerzjoni. Jirrizulta inoltre li meta kien hemm referti negattivi nghata avviz dwar dan lill-attur tramite l-konsulent legali tieghu;

In vista tal-premess ma tirrizulta ebda responsabilita' ghad-danni inkombenti fuq il-konvenut;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeicidi billi tiddikjara li ma tirrizulta ebda responsabilita imputabbli lill-konvenut u konsegwentement tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha attrici;.

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------